MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2014

Citazzjoni Numru. 386/2007

**Carmelo u Frangeska konjugi Farrugia**

**u**

**b'digriet datat is-16 t'April, 2012, Frances Farrugia, John Farrugia, Sandra Bonnici, Jesmond Farrugia, Patrick Farrugia, saru parti mill-kawza *stante* l-mewt ta' Carmelo Farrugia**

**vs**

**Grezzju u Miriam konjugi Farrugia**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat it-2 t'April, 2007, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament esponew s-segwenti:

1.1. Illi huma ghandhom il-qbiela tal-ghalqa bl-isem ta' "Tal-Imsaqqfa" jew ta' "Garnaw", limiti tal-Gudja, (ara foll 4 immarkata bl-ahmar);

1.2. Illi l-qbiela tal-istess ghalqa tithallas mir-rikorrenti lil *Joint* Office, qabel kienet tithallas lill-Kurja u qabel ukoll kienet tithallas lil Carmelo Dalli li kien l-utilista sa mill-1968, (ara fotokopja ta' l-ircevuta a foll 5);

1.3. Illi l-access ghall-istess ghalqa hu tramite sqaq li jidher immarkat bl-isfar fil-pjanta annessa, (ara foll 4);

1.4. Illi ghal xi zmien ir-rikorrenti kienu jhallu bi pjacir u tolleranza lill-intimati jaccedu ghall-ghalqa li hi u ghada mikrija lil missierhom Carmelo Farrugia, liema ghalqa hi bil-kulur blu fil-pjanta annessa, (ara foll 4), minn dik tar-rikorrenti, kif kienu jaghmlu l-esponenti meta kienu jghaddu minn go raba` mikri lill-mejjet Carmelo Farrugia;

1.5. Illi l-intimati m'ghandhom l-ebda dritt ta' passagg jew li jghaddu xi pajpijiet mir-raba` mikri lir-rikorrenti, u semmai, ghar-raba` f'idejhom jghaddu mill-isqaq imsemmi, immarkat bl-isfar fl-annessa pjanta, (ara foll 4);

1.6. Illi dak deciz mill-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet Farrugia et vs Farrugia et, citazzjoni numru 564/98, u datata d-9 ta' Marzu, 2007, kien rigward allegat spoll dwar fetha f'hajt u tqeghid ta' pajpijiet, u mhux dwar punti ta' ligi;

1.7. Illi r-rikorrenti ma jridux lill-intimati jghaddu mir-raba` mikri lilhom fuq imsemmi, u lanqas iridu li dawn jghaddu minn fuq il-hitan tieghu xi pajpijiet tat-tisqija;

1.8. Illi ghaldaqstant aderew din il-qorti biex l-intimati jkollhom l-opportunita` jwiegbu ghat-talbiet tar-rikorrenti u jghidu ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.8.1. Tiddikjara li d-dritt ta' access ghall-ghelieqi f'Tal-Imsaqqfa fil-Gudja, kemm dik tar-rikorrenti bl-ahmar, kif ukoll dik tal-intimati bil-blu, hu permezz tal-isqaq indikat bl-isfar fil-pjanta annessa immarkata Dok A1;

1.8.2. Tiddikjara li l-intimati m'ghandhomx dritt ta' passagg jew permess biex jghaddu mir-raba` tar-rikorrenti biex jaccedu ghar-raba taghhom;

1.8.3. Tiddikjara li l-intimati m'ghandhom l-ebda dritt jew permess jghaddu mir-raba` jew minn fuq il-hitan tar-rikorrenti xi pajpijiet ghat-tisqija;

1.8.4. Bl-ispejjez kontra l-intimati;

2. Rat ir-risposta guramentata datata l-21 ta' Jannar, 2008, li permezz taghha l-intimati irrispondew sintetikament is-segwenti:

2.1. Illi r-rikors promotur ghandu jigi dikjarat null *a fini tal*-artikli 156 u 174 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2.2. Illi *di piu`*, l-azzjoni odjerna hi rrita u nulla *stante* li l-azzjoni kif dedotta hi ta' natura possessorja filwaqt li l-azzjoni ghat-terminazzjoni ta' dritt ta' moghdija hi azzjoni reali;

2.3. Illi r-rikorrenti m'ghandhomx *locus standi* f'dawn il-proceduri peress li huma jiddetjenu l-art in dizamina bi qbiela minghand l-Ufficju Kongunt, filwaqt li l-azzjoni ghat-terminazzjoni ta' dritt ta' moghdija tispetta biss lis-sidien ta' proprjeta` servienti;

2.4. Illi t-talbiet kif dedotti huma irriti u nulli *stante* li mhumiex ikkontemplati mill-ligi fost l-azzjonijiet possessorji u ghalhekk, mhux sostenibbli;

2.5. Illi l-azzjoni possessorja in dizamina hi preskritta;

2.6. Illi t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur huma infondati peress li l-propjeta` uzata mill-intimati mhix accessibbli minn triq pubblika ohra u l-ghalqa tgawdi drittijiet kemm ta' passagg fuq l-art detenuta mir-rikorrenti kif ukoll id-dritt li jpoggu pajpijiet fuq il-hitan;

2.7. Illi ma jezistux l-elementi rikjesti mill-ligi biex jitnehha l-jedd tieghu ta' passagg;

2.8. Salv eccezzjonijiet ohra;

2.9. Bl-ispejjez;

3. Rat id-digriet taghha datat is-16 t'April, 2012, li permezz tieghu, wara r-rikors datat it-12 t'April, 2012, laqghet it-talba ghall-legitimazzjoni tal-atti wara l-mewt tar-rikorrenti Carmelo Farrugia, (ara foll 45);

4. Rat id-digriet ulterjuri taghha datat iz-17 t'April, 2012, li permezz tieghu, fuq talba tal-abbli rapprezentanti legali tal-intimati li ghaliha irrimettiet ruhha l-abbli rapprezentant legali tar-rikorrenti, awtorizzat lill-partijiet biex igibu l-provi kollha rigward il-mertu tal-kawza, (ara foll 46);

5. Rat id-digriet sussegwenti taghha datat il-5 ta' Gunju, 2013, li permezz tieghu, wara rikors appozitu kongunt tal-partijiet, ordnat

is-sospensjoni tal-procedura ghall-perjodu hemm indikat biex il-kawza odjerna tkun tista tigi medjata, (ara foll 65);

6. Rat il-verbal sussegwenti datat l-14 ta' Novembru, 2013, li permezz tieghu il-kawza giet differita ghall-provi tar-rikorrenti;

7. Rat id-digriet taghha datat id-9 t'April, 2014, li permezz tieghu, wara li l-kontendenti ddikjaraw li m'ghandhomx provi aktar x'jipproducu, ordnat li t-trattazzjoni ssir bil-modalita` hemm indikata, (ara foll 107);

8. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimati datat l-25 ta' Gunju, 2014, (ara foll 109);

9. Rat ir-rikors datat il-25 ta' Gunju, 2014, (ara foll 116) li permezz tieghu, l-intimati talbu korrezzjoni fin-nota tal-eccezzjonijiet taghhom fis-sens hemm indikat, liema talba giet akkordata bid-digriet datat it-2 ta' Lulju, 2014 (ara foll 118);

10. Tirrileva li r-rikorrenti ghazlu li ma jottemporawx ruhhom mall-obbligu taghhom li jipprezentaw nota ta' sottomissjonijiet fit-terminu lilhom prefissat, (ara foll 107);

11. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti;

12. Semghet ix-xhieda prodotta flimkien mad-dikjarazzjoni guramentata prodotta;

13.0. Illi l-vertenza in dizamina tista` tigi sintetikament elenkata bil-mod segwenti:

13.1. Illi r-rikorrenti jallegaw li ghandhom imqabbla ghandhom ghalqa bl-isem "Tal-Imsaqqfa" jew "Ta' Garnaw" fil-limiti tal-Gudja;

13.2 Illi din l-ghalqa hi allegatament imqabbla ghandhom mill-Ufficcju Kongunt;

13.3. Illi l-access ghal din l-ghalqa hu minn sqaq kif immarkat bil-kulur isfar fil-pjanta annessa in atti, (ara foll 4);

13.4. Illi ghal xi perjodu r-rikorrenti jallegaw li kienu jittolleraw lill-intimati jaccedu fl-ghalqa li huma ghandhom biswit taghhom mill-ghalqa taghhom;

13.5. Illi r-rikorrenti jallegaw li l-intimati qed jghaddu wkoll xi pajpijiet mill-ghalqa u minn fuq ic-cnut tal-ghalqa taghhom ghall-ghalqa tal-istess rikorrenti;

13.6. Illi r-rikorrenti ma jridux li l-intimati:

13.6.1. Jibqghu jghaddu mill-ghalqa taghhom, u

13.6.2. Jibqghu jghaddu pajpijiet ghat-tisqija mill-ghalqa u minn fuq il-hitan tas-sejjieh tal-istess rikorrenti;

Ikkunsidrat:

14.0. Illi l-intimati ssollevaw diversi eccezzjonijiet preliminari, senjatament:

14.1. Illi r-rikors promotur hu null *ai termini* tal-artiklu 156 u 174 tal-Kap 12 fuq riferit:

14.1.1. Illi l-artiklu 156 fuq riferit jirrigwarda ir-rikors guramentat promotur u l-istruttura u l-kontenut tieghu;

14.1.2. Illi l-artiklu 174 fuq riferit jirrigwarda x’ghandu jkun fiha skrittura u l-formalitajiet essenzjali taghha;

14.1.3. Illi l-intimati jallegaw li r-rikorrenti ippekkaw f’dan ir-rigward ghaliex “naqqsu milli jiddikjaraw liema fatti jafu bihom personalment”, (ara foll 111);

14.1.4. Illi fir-rigward ghandu jigi sottolineat is-segwenti:

14.1.4.i. Illi r-rikors promotur jirrizulta li hu regolarment guramentat mir-rikorrenti Carmelo Farrugia, illum mejjet;

14.1.4.ii. Illi “gurament” in effetti hu dikjarazzjoni solenni li sserrah il-veridicita` taghha jew fuq id-Divin – li ggib bhala xhud tal-verita` sostenuta, (gurament), jew fuq l-istess persuna li qed tafferma l-istess fuq is-sahha tad-dignita` personali tal-affermant, (dikjarazzjoni solenni);

14.1.4.iii. Illi *ictu oculi* ezami tar-rikors promotur jirrivela li dan gie pprezentat skont id-

dettam tal-artikli sollevati mill-intimati u ghalhekk l-eccezzjoni minnhom sollevata ma tistax tregi;

14.1.5. Illi ghalhekk l-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari sollevati mill-intimati ma jreggux u qed jigu respinti;

14.1.6. Illi l-ispejjez fir-rigward tal-istess huma a karigu tal-intimati;

Ikkunsidrat:

15.0. Illi rigward il-kwistjoni jekk din il-procedura hix wahda ta' natura t'azzjoni reali jew possessorja jinghad sintetikament is-segwenti:

15.1. Illi jirrizulta pacifiku li r-rikorrenti jiddetjenu l-ghalqa in dizamina in virtu` ta' qbiela lilhom koncessa mill-Ufficju Kongunt;

15.2. Illi jirrizulta pacifiku wkoll li l-ghalqa adjacenti ghal dik in dizamina tar-rikorrenti hi wkoll imqabbla lill-intimati mill-istess Ufficcju Kongunt;

15.3. Illi jirrizulta li l-uniku access li l-intimati ghandhom ghall-ghalqa taghhom hu minn passagg jew moghdija bir-rigel

immarkata bil-kulur isfar fil-pjanta pprezentata in atti, (ara foll 4 u 57);

15.4. Illi l-vertenza vera u proprja li hi l-bazi tal-kontestazzjoni in dizamina, hu proprju dan il-passagg dejjaq li ma jippermettix l-access ghall-ingenji abitwalment uzati f'dan il-qasam;

Ikkunsidrat:

16. Illi ghalkemm din il-qorti tifhem is-sitwazzjoni li l-intimati jistghu jinsabu fiha, pero` ghandu jkun pacifiku li fis-saltna tad-dritt hadd m'ghandu jippretendi li jiehu l-ligi f'idejh u jagixxi kif jaqbillu kontra dak gia` stabbilit bil-ligi;

17.0. Illi ghandu jkun pacifiku li l-porzjonijiet art huma imqassma bil-mod segwenti:

17.1. Ghalqa kull wiehed lill-kontendenti liema ghelieqi huma adjacenti ghal xulxin;

17.2. Illi dawn l-ghelieqi huma separati b'moghdija dejqa cirkoskritta u demarkata b'hitan paralleli tas-sejjieh;

17.3. Illi ghalhekk l-ispazi li fihom huma kostretti jagixxu l-kontendenti huma gia` predeterminati strutturalment mill-konfigurazzjonijiet rilevati li fuqha l-kontendenti ma jistghu jaghmlu xejn;

17.4. Illi di piu`, nonostante li r-rikorrenti m'humiex is-sidien tal-ghalqa taghhom, pero` l-istess ghalqa hi mqabbla ghandhom u konsegwentement, effettivament id-dritt rilevat jirrizulta li hu ta' natura mista u ghalhekk ghandhom kull dritt li jiddefendu l-istess ghalqa minn kwalunkwe molestja fuqha;

17.5. Illi ghalhekk din ir-risposta preliminari ulterjuri hi wkoll respinta bl-ispejjez kontra l-intimati;

Ikkunsidrat:

18. Illi finalment, l-intimati jissollevaw l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni a bazi tal-artiklu 2143 tal-Kap 16 tal-istess Ligijiet ta' Malta li jghid:

> "L-azzjonijiet kollha, reali, personali, jew misti jaqghu bil-preskrizzjoni eghluq tletin sena, u ebda opposizzjoni ghall-preskrizzjoni ma tista` ssir minhabba n-nuqqas ta' titolu jew ta' bona fidi";

19.0. Illi f'dan ir-rigward jinghad sintetikament is-segwenti:

19.1. Illi peress li l-passagg in dizamina mmarkat bl-isfar fil-pjanta annessa in atti, (ara foll 4), hu wiehed dejjaq, meta l-kontendenti jkollhom bzonn l-uzu tal-ingenji, bhal xi trakk, dawn jghaddu minn passaggi fl-ghelieqi ta' xulxin, (ara foll 56 u 57);

19.2. Illi wara kollox il-kontendenti gejjin mill-istess familja – huma ahwa;

19.3. Illi l-intimat isostni fid-deposizzjoni guramentata tieghu tat-23 t'Ottubru, 2012, illi ilu jiffrekwenta l-area in dizamina "ma tletin (30) sena", (ara foll 56);

19.4. Illi l-istat ta' fatt kif fuq deskritt f'dan il-paragrafu, (numru 19), ilu allura stabbilit ghall-perjodu t'aktar minn tletin (30) sena;

19.5. Illi l-perjodu ultra trentennali in dizamina hu wkoll ikkonfermat kemm minn John Farrugia, wiehed mir-rikorrenti, (ara foll 50) u minn hu l-kontendenti Francis Farrugia li pprogetta ruhhu bhala newtrali bejn il-kontendenti u dizinteressat mill-kontestazzjoni odjerna, (ara foll 91);

19.6. Illi ghalhekk jirrizulta assodat li l-eccezzjoni trentennali sollevata mill-intimati a bazi tal-artiklu 2143 fuq citat, tidher debitament assodata;

Ikkunsidrat:

20. Illi in vista tal-premess jirrizulta li l-istat ta' fatt hawn ezaminat ilu hekk persistenti ghal aktar mill-perjodu prestabbilit fl-imsemmi artiklu 2143 fuq citat;

21. Illi ghalhekk l-azzjoni odjerna tirrizulta li hi preskritta *ai termini* tal-artiklu 2143 tal-Kodici Civil;

**DECIDE:**

22.0. Illi ghaldaqstant, in vista tal-premess:

22.1. Tiddikjara li l-azzjoni odjerna hi preskritta *ai termini* tal-artiklu 2143 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

22.2. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kawza;

22.3. Bl-ispejjez rimanenti kontra r-rikorrenti.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------